**Dritt ta' Risposta tal-Partit Nazzjonalista għall-programm Dissett - 23 ta' Marzu 2016**

Dak li nqabad fih il-Gvern immexxi minn Joseph Muscat huwa l-akbar skandlu politiku f'pajjiżna.

Eżatt xahar ilu, ġie żvelat li d-Deputat Mexxej Laburista Konrad Mizzi fetaħ kumpanija sigrieta fil-Panama. Konrad Mizzi ħeba meta qal biss li għandu trust fi New Zealand, iżda ftit siegħat wara, kellu jammetti anke l-kumpanija sigrieta fil-Panama. Ftit jiem wara, anke ċ-Chief of Staff tal-Prim Ministru Keith Schembri nqabad li għandu kumpanija sigrieta fil-Panama. Min hu nadif, ma jaħbix u jiddikjara kollox minnufih bl-aktar mod trasparenti.

Kull min jirraġuna jaf li f'pajjiż normali dawn l-affarijiet ma jsirux. Issa jirriżulta li dawn il-kumpaniji sigrieti nfetħu fl-istess żmien li Konrad Mizzi u Keith Schembri, flimkien mal-Prim Ministru, marru bil-moħbi l-Ażerbajġan, fejn innegozjaw kuntratti dwar iż-żejt li żammew moħbija. Kuntratti li wasslu għal telf ta' 14-il miljun ewro lill-poplu Malti u Għawdxi. Min hu ġenwin, jaf li dan ma ġarax b'kumbinazzjoni.

Jirriżulta wkoll li fl-istess ġurnata li l-kumpanija Gasol biegħet l-ishma tagħha lill-konsorzju li qed jibni l-Power Station il-ġdida, Konrad Mizzi mexxa l-kumpanija sigrieta tiegħu fin-New Zealand. Din ukoll mhix kumbinazzjoni.

F'pajjiżna l-awtoritajiet mhumiex qegħdin jagħmlu xogħlhom kif suppost. Il-Kap tal-Partit Nazzjonalista Simon Busuttil ilu għal dawn l-aħħar tliet ġimgħat - minn dakinhar tal-Protesta Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni - jinsisti li l-Pulizija għandha tinvestiga mhux biss l-allegazzjoni ta' tixħim u korruzzjoni ta' Keith Schembri, iżda li jiġu nvestigati wkoll il-kuntratti kollha li fihom kienu nvoluti Keith Schembri u Konrad Mizzi.

Madanakollu, flok bdew l-investigazzjonijiet, Konrad Mizzi għażel li jistaħba u flok iwieġeb il-mistoqsijiet tal-ġurnalisti, jhedded lill-gazzetti bl-avukat. Issa qed jiġi allegat ukoll li meta fetaħ il-kumpanija sigrieta fil-Panama, Konrad Mizzi qal lill-Gvern tal-Panama biex iżomm kollox sigriet.

Min hu ġenwin huwa rrabjat mhux biss għal Konrad Mizzi u Keith Schembri, iżda aktar għal Joseph Muscat li għażel li ma jkeċċiehomx. Dan kollu jagħti wieħed x'jifhem li anke Joseph Muscat huwa mdaħħal magħhom f'dan l-iskandlu.

Pajjiżna jinsab fi kriżi ta' korruzzjoni fil-qalba tal-Gvern ta' Joseph Muscat. Għall-korruzzjoni, qegħdin iħallsu għaliha l-familji u n-negozji Maltin u Għawdxin, fost l-oħrajn, bl-ogħla prezzijiet fl-Ewropa tal-petrol u d-diesel. Kull darba li tagħti 30 ewro ta' diesel, tkun qed tinsteraq bin-nofs - 15-il ewro.

Hu għalhekk li pajjiżna għandu bżonn politika onesta u nadifa, xi ħaġa li jista' joffriha biss Simon Busuttil.